# <u>Is-Salvazzjoni: Inti trid issalva? U kif tkun ċert li inti Salvat?</u>

Xi tfisser il-kelma "salvazzjoni"? Li ssalva tfisser teħles u tipproteġi. Il-kelma salvazzjoni fil-Bibbja tikkonċerna ħelsien spiritwali etern.

Min xhiex aħna salvati? Aħna salvati mill-korla ta' Alla minħabba d-dnub. Id-dnub tagħna firidna minn Alla u kif tgħidilna l-Kelma ta' Alla stess, "ħlas id-dnub hi l-mewt." (Rumani 6:23). Iġifieri mill-att Bibbliku, il-kelma salvazzjoni tirreferi għall-ħelsien mill-konsegwenza tad-dnub li hija l-mewt ; mhux il-mewt tal-ġisem (li hija l-ewwel mewt), imma dik spiritwali li l-Bibbja tirreferi għaliha bħala t-tieni mewt u din twassal għall-ħajja eterna "fl-għadira li tħeġġeġ bin-nar u l-kubrit" (Rivelazzjoni 21:8) li llum ħafna jirreferu għal dan il-post bħala l-infern.

Huwa biss bil-mewt u l-qawmien ta' Ġesu Kristu mill-imwiet li aħna nfetħilna l-bieb tas-salvazzjoni minn ħajja eterna fl-infern. Ġesu li huwa Alla u Hu perfett ħa d-dnubiet tagħna kollha u ngħata bħala sagrifiċċju għad-dnubiet kollha li għamlu u ser jagħmlu r-razza kollha tal-bnedmin li tinkludi ukoll lili u lilek. Huwa għamel dan billi miet għal dawn id-dnubiet biex **<u>meta nitolbu maħfra</u>** lil Alla 'l Missier, Ġesu jidħol għalina bħalikieku jgħid 'l Missier: "Missier aħfrilhom, jien ħallast dejnhom kollu meta rbaht fuq id-dnubiet li għamlu permezz tal-mewt u l-qawmien tiegħi mill-imwiet." Ġesu huwa ċ-Ċavetta li biH infetħilna l-bieb tas-salvazzjoni. Kif qal Ġesu nnifsu: " Jiena t-triq, il-verita' u l-ħajja: ħadd ma jiġi għand il-Missier, ħlief bija." (Ġwanni 14:6).

Dan ma jfissirx li kulħadd ser ikun salvat. Għaliex? Veru, il-bieb hu miftuħ imma biex wieħed juri lil Mulej Ġesu li hu japprezza dan ir-rigal ta' mħabba mingħand Alla 'l Missier permezz ta' Ġesu, jeħtieg li wieħed jaċċetta l-istedina li l-Missier jagħmel lil kull wieħed u waħda minnha, u jagħmel l-ewwel pass biex jidħol minn dan il-Bieb u mhux jibqa' barra.

Hija idea żbaljata ta' ħafna li jaħsbu li aħna nistgħu nkunu salvati jekk ngħixu ħajja tajba u nagħmlu opri tajbin. Dan huwa tajjeb u għandu jkun parti importanti f'kull ħajja tal-Kristjan, iżda dan waħdu mhux biżżejjed. **Kieku bniedem jista' jsalva billi sempliċiment jgħix ħajja tajba u jagħmel affarijiet ta' ġid, kieku għaliex kien hemm bżonn li jiġi Ġesu fid-dinja biex imut għalina u jieħu fuqu d-dnubiet tagħna biex niksbu s-salvazzjoni?** Iġifieri noqgħodu attenti għax jekk wieħed jaħseb li ser ikun salvat billi jagħmel opri tajba, b'għemilu jkun qed jiddikjara li dak li għamel Ġesu Kristu għalina fuq is-salib, ma kien jiswa' xejn u jkun qed jistqarr ukoll li hu bħala bniedem, kapaċi jsalva lilu nnifsu permezz ta' l-opri li jagħmel. Imma x'tgħid il-Kelma ta' Alla? "Għax bil-grazzja intom salvati, permezz tal-fidi: u dan mhux minnkom infuskom: dan hu don t'Alla: mhux mill-opri, biex ħadd ma jiftaħar." (Efesin 2:8-9) Amen.

B'hekk rajna kif l-opri tajba għalkemm huma importanti, ma jġibux is-salvazzjoni. L-unika ħaga li ġġib is-salvazzjoni huwa dan: "Emmen fil-Mulej Ġesu' Kristu, u tkun salvat..." (Atti 16:31). Ġesu ukoll qal: "Min jemmen fija għandu l-ħajja ta' dejjem." (Ġwanni 6:47)

X'inhu **<u>l-ewwel pass</u>** biex tasal għal dan? Biex temmen fil-Mulej Ġesu, l-ewwel ma trid tagħmel huwa li ssir taf lil Ġesu' għax biex tafda lil xi ħadd, l-ewwel trid issir tafu. Issir tafu mhux minn kif ikellmek fuqu ħaddiehor jew minn kif ipenġuh in-nies, imma ssir tafu billi tibni relazzjoni miegħu u tisma' xi jrid jgħidlek. Trid tisma' xi jrid jgħidlek Ġesu billi taqra l-Kelma tiegħU stess, u l-Kelma tiegħU hi l-Bibbja. Fuq kollox, dan hu dak li nagħmlu meta rridu nsiru nafu lil xi ħadd, niltaqgħu miegħu u nisimgħuh biex naraw jekk għandniex nafdaw lil dik il-persuna.

Dan huwa l-ewwel pass; li taqra l-Kelma ta' Alla biex issir taf min Hu tassew Ġesu.

**<u>It-tieni pass</u>** huwa li temmen f'dak li tkun qrajt. Dan stqarru San Pawl stess fl-ittra tiegħu lir-Rumani meta qal: "jien ma nistħix mill-evanġelju ta' Kristu: għax hu l-qawwa ta' Alla **għas-salvazzjoni ta' Kull min jemmen**..." Bażikament f'dan il-vers Pawlu qalilna, li jkun inutli li taqra u tisma' l-evanġelju jekk ma temminx għax l-evangelju u s-"salvazzjoni ta' kull min jemmen" u mhux ta' kull min jaqrah.

Iżda xi tfisser meta tgħid temmen f'Ġesu? Dan ifisser li tibda tafda fiH u tagħti widen għal KliemU, tħallieH imexxik. L-Iskrittura tgħidilna li "Min jgħid li qiegħed fih (f'Ġesu), jeħtieġ li jimxi hu wkoll bħalma mexa Hu."(1 Ġwanni 2:6). Iġifieri jekk verament temmen f'Ġesu, jeħtieġ timxi fuq il-passi tiegħU. Ma tistax tgħid li temmen fiH imbagħad tikkontradixxi dak li jgħid Hu!

Ġesu "qal lil dawk il-Lhud li emmnu fih: **Jekk iżżommu fil-kelma tiegħi, imbagħad tkunu tassew dixxipli tiegħi**." (Ġwanni 8:31) u ukoll; "għaliex issejħuli: Mulej, Mulej, u ma tagħmlux dak li ngħid jien?" (Luqa 6:46), u "Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi." (Ġwanni 14:24)

Li temmen f'Ġesu jfisser li mhux biss temmen li Hu s-Salvatur, imma li temmen ukoll li Hu l-Mulej u Alla tiegħek u għalhekk tħalli lilU jmexxilek ħajtek.

Qiegħed timxi fi triq tas-salvazzjoni? Temmen f'Ġesu b'qalbek kollha u kif tgħidilna l-Iskrittura? Qiegħed taġixxi ta' dixxiplu ta' Kristu verament?

Li temmen f'Ġesu ma jfissirx li tkun taf dwaru imma li ssir taf min Hu verament u timxi warajH. **Li temmen f'Ġesu ma jfissirx li temmen li Hu jeżisti, imma tħalli l-eżistenza tiegħU tgħix fil-ħajja tiegħek kollha.** Hu ta ħajtu kollha għalik, kemm inti lest li tagħtih minn ħajtek? Li tkun Kristjan mhux biss titlu imma jfisser li tipprova tgħix bħal Kristu 100%.

**L-aħħar pass** biex wieħed jimxi fi triq tas-salvazzjoni huwa: li tindem. Meta wieħed ikun għamel l-ewwel żewg passi li semmejt, bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu u bil-Kelma ta' Alla, jagħraf li hu midneb; jagħraf li Ġesu ħallas l-għola prezz fuq is-salib minħabba fih, għax hu midneb; jagħraf li huwa permezz ta' Ġesu biss li aħna nistgħu niġu salvati; jagħraf lil Ġesu bħala Salvatur, Sid u Alla fil-ħajja tiegħu.

Iżda xi tfisser meta tgħid tindem? Tfisser li mhux biss tistqarr li tkun inqast f'xi ħaġa imma tibda taħsibha differenti dwar id-dnub u Ġesu u tibda ssejjaħ isem il-Mulej f'dak kollu li tagħmel. Meta tindem verament tkun ukoll qed tistqarr li ser tipprova tibdel ħajtek f'sens tajjeb, ssir persuna aħjar u aktar qaddisa.

Ġesu sejħilna biex nitwieldu mill-ġdid fi Ġwanni 3:3. "Tassew, tassew, ngħidlek: Jekk wieħed ma jitwelidx mill-ġdid, ma jistax jara s-saltna t'Alla". Huwa fisser kliemu aktar ċar f'vers 5: "Tassew, tassew, ngħidlek: Jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u mill-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla." Dan it-twelid mill-ġdid li Ġesu tkellem fuqu jirrikjedi li kull persuna, jekk verament irid isalva, f'mument f'ħajtu, irrid jasal jieħu deċiżjoni biex jitwieled mill-ġdid spiritwalment; iġifieri jieħu deċizjoni biex jibda jgħix għall-Mulej Ġesu, jemmen fiH u jimxi warajH, hekk ma nibqgħux ngħixu għalina nnfusna imma nibdew ħajja ġdida u nitwieldu mill-ġdid spiritwalment biex ngħixu għal Alla. Id-deċiżjoni qiegħda f'idejk.

Huwa importanti li wara li wieħed ikun għamel dawn it-tliet passi, ifittex li jixxierek ma' għaqda Kristjana li t-tagħlim tagħha jkun kollu kemm hu fuq il-Kelma t'Alla; il-Kelma tas-Salvazzjoni. Dan huwa importanti għax bħal tarbija, meta persuna titwieled mill-ġdid spiritwalment, teħtieġ persuna b'aktar esperjenza biex tgħinna tikber u tissaħħaħ fil-fidi għax "mingħajr fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lilu (Lil Alla)." (Lhud 11:6)

Il-Mulej jagħmel sejħa lil kull persuna biex tidħol f'relazzjoni ta' mħabba miegħU u biex ikun hemm relazzjoni b'saħħitha, bħal kull relazzjoni oħra, Ġesu jistiednek biex tiltaqa' miegħU, titkellem miegħU, issir tafu u tisma' xi jrid jgħidlek Hu permezz tal-Kelma TiegħU. Inti lest/a taċċetta din is-sejħa? Inti lest/a tilqa' r-rigal tas-salvazzjoni mingħand Alla 'l Missier permezz ta' Sidna Ġesu Kristu u l-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu biex tgħix ħajja eterna ma' Alla fil-ġenna?